

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' Lulju 2019 li tindirizza twissija lil P. Kerstens hija annullata.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, żewġ terzi tal-ispejjeż ta' P. Kerstens.

(¹) ĠU C 247, 27.7.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2021 – Stada Arzneimittel vs EUIPO – Pfizer (RUXXIMLA)

(Kawża T-239/20) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali RUXXIMLA – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti RUXIMERA – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Xebh tas-sinjali – Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2022/C 2/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Pfizer Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Frar 2020 (Każ R 1879/2019-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Pfizer u Stada Arzneimittel.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Stada Arzneimittel AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 209, 20.6.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2021 – Stada Arzneimittel vs EUIPO – Pfizer (RUXYMLA)

(Kawża T-248/20) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali RUXYMLA – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti RUXIMERA – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Xebh tas-sinjali – Artikolu 8(1) (b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2022/C 2/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)